**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru.: 669/2024 AC**

**Illum it-3 ta' April, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' erbatax (14)-il sena, imwieled ġewwa Tal-Qroqq, l-Imsida, nhar l-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), iben **Ariana Micallef**, residenti ġewwa **OMISSIS** u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru **OMISSIS**, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli:

Għall-ħabta ta' bejn il-ħdax (11:00am) u nofsinhar (12:00pm) nhar is-sitta u għoxrin ta' (26) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Felix for Phones* ġewwa Triq ir-Repubblika, Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' mowbajl u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Felix Schembri** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli:

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Għall-ħabta ta' bejn sitta (18:00) u s-sebgħa (19:00) nhar l-erbgħa u għoxrin ta' (24) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Scentoniq* li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Akrami, Obaidullah** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Għall-ħabta ta' bejn sitta (15:00) u s-sebgħa (19:00 p.) nhar il-ħamsa u għoxrin ta' (25) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Papier* li jinsab fi Piazetta Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serq ta' *vapes* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Mattia Sacha Schembri** u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Għall-ħabta ta' bejn sitta (17:00) u s-sebgħa (18:00) nhar is-sitta u għoxrin ta' (26) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq ix-Xatt Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' *bluetooth airpods*, *iPhone cover* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Rupam Mustuddy** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan sar għad-detriment ta' **Rupam Mutsuddy** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ma jeċċedix il-ħmistax il-ewro (15 ewro);

Għal ħabta ta' bejn ssagħtejn (14:00) u t-tlieta (15:00) nhar l-ewwel (01) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Maypole* li jinsab Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

6. Ikkommetta serq ta' ħelu u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Roderick Sammut** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan sar għad-detriment ta' **Roderick Sammut** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet;

F'xi ħinijiet matul il-ġurnet bejn l-erbgħa (4) u is-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Hermanos Restaurant* li jinsab Triq il-Wied Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

8. Ikkommetta serq ta' ilma u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa ma jeċċedix tlieta u għoxrin ewro u dan sar għad-detriment ta' **Hermanos Restaurant** u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli:

Għall-ħabta ta' bejn ssagħtejn (14:00) u t-tlieta (15:00) nhar l-ewwel (01) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa **Krypton Pharmacy** li jinsab Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

9. B'xi mod mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U aktar talli:-

Għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (21:00) u t-tlieta (22:00) nhar il-wieħed u tletin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Portes de Bombs Floriana u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

10. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha u ċioe' **Kafil Uddin** liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa fejn dan ġie ċċertifikat minn Dr. Abigail Debrincat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa hekk kif ikkontemplat fl-Arikoli 15A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Għassa preseduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-27 ta' Awwissu 2024[1];

Rat li l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Clive Aquilina għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Mark George Cremona għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u ħalfu l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2024[2];

Rat li wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotti fil-konfront tiegħu[3];

Rat li fl-istess seduta l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest, u dan permezz ta' digriet datat is-27 ta' Awwissu 2024[4];

Rat li l-Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2024[5];

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024[6], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 11 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 6 tal-proċess u l-verbal tal-istess seduta a fol 12 tal-proċess
[3] Ara l-verbal tas-seduta ta' nhar is-27 t'Awwissu 2024 a fol 12 tal-proċess kif ukoll a fol 14 tal-proċess
[4] Ara a fol 60 *et seq* tal-proċess
[5] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 11 *et seq* tal-proċess
[6] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 63 *et seq* tal-proċess

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, u *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li m'hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat li meta l-imputat tressaq taħt arrest, l-istess imputat ingħata l-Ħelsien mill-Arrest permezz ta' digriet datat is-27 t'Awwissu 2024[7];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[8];

2. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[9];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fl-4 ta' Awwissu 2024[10];

4. L-Istqarrija tal-imputat datata l-31 ta' Lulju 2024[11];

5. L-Istqarrija tal-imputat datata t-8 ta' Awwissu 2024[12];

[7] Ara a fol 60 tal-proċess
[8] Ara Dok MC a fol 15 tal-proċess
[9] Ara Dok MC1 a fol 16 tal-proċess
[10] Ara Dok MC2 a fol 17 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok MC3 a fol 19 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok MC4 a fol 22 *et seq* tal-proċess

6. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/5321/2024[13];

7. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/5324/2024[14];

8. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/POL/4595/2024[15];

9. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/POL/4435/2024[16];

10. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/POL/4549/2024[17];

11. Rapport tal-NPS bir-referenza 1/POL/2828/2024[18];

12. Rapport tal-NPS bir-referenza 9/POL/5679/2024[19];

13. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/5322/2024[20];

14. Rapport tal-NPS bir-referenza 2/POL/4366/2024[21];

15. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/POL/4606/2024[22];

16. Rapport tal-NPS bir-referenza 1/POL/2852/2024[23];

17. Rapport tal-NPS bir-referenza 1/POL/2798/2024[24];

---

[13] Ara Dok MC5 a fol 25 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok MC6 a fol 27 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok MC7 a fol 29 *et seq* tal-proċess
[16] Ara Dok MC8 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[17] Ara Dok MC9 a fol 36 *et seq* tal-proċess
[18] Ara Dok MC10 a fol 38 *et seq* tal-proċess
[19] Ara Dok MC11 a fol 41 *et seq* tal-proċess
[20] Ara Dok MC12 a fol 43 *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok MC13 a fol 45 *et seq* tal-proċess
[22] Ara Dok MC14 a fol 47 *et seq* tal-proċess
[23] Ara Dok MC15 a fol 51 *et seq* tal-proċess
[24] Ara Dok MC16 a fol 54 *et seq* tal-proċess

18. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/POL/4647/2024[25];

19. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata l-24 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha infurmat lill-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Maria Mifsud sabiex issegwi lil-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[26];

20. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-17 ta' Ottubru 2024 rigward l-andament tal-imputat fuq l-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[27];

21. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata t-28 ta' Ottubru 2024 li permezz tagħha ppreżentat *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat[28];

22. Nota tal-imputat OMISSIS datata s-7 ta' Frar 2025 li permezz tagħha informa lil din il-Qorti li qed jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-*Probation Officer* Maria Mifsud[29];

23. Nota ta' Natasha Farrugia datata l-20 ta' Frar 2025 rigward l-andament tal-imputat[30];

24. Nota tal-*Probation Officer* Maria Mifsud datata s-26 ta' Frar 2025 rigward l-andament tal-imputat fuq l-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[31];

Rat ix-xhieda, u ċioe' lil **Remilda (fil-verita' Remenda) Grech għad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)**[32];

[25] Ara Dok MC17 a fol 57 *et seq* tal-proċess
[26] Ara a fol 62 tal-proċess
[27] Ara a fol 72 *et seq* tal-proċess
[28] Ara a fol 75 *et seq* tal-proċess
[29] Ara a fol 103 tal-proċess
[30] Ara a fol 110 *et seq* tal-proċess
[31] Ara a fol 113 *et seq* tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2024 a fol 59A *et seq* tal-proċess quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Elaine Rizzo

Semgħet ix-xhieda tal-***Probation Officer* Maria Mifsud**[33], **Natasha Formosa bħala *Head of Home*** [34], u għal darb' oħra **l-*Probation Officer* Maria Mifsud**[35];

Rat il-*Pre-Sentencing Report* preżentat bil-ġurament mill-Uffiċċjal tal-Probation Maria Mifsud[36];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputat f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli:

Għall-ħabta ta' bejn il-ħdax (11:00am) u nofsinhar (12:00pm) nhar is-sitta u għoxrin ta' (26) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Felix for Phones* ġewwa Triq ir-Repubblika, Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' mowbajl u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Felix Schembri** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli:

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

---

[33] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024 a fol 65 *et seq* tal-proċess
[34] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024 a fol 68 *et seq* tal-proċess
[35] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025 a fol 106 *et seq* tal-proċess
[36] Ara a fol 76 *et seq* tal-proċess

Għall-ħabta ta' bejn sitta (18:00) u s-sebgħa (19:00) nhar l-erbgħa u għoxrin ta' (24) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Scentoniq* li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' fwejjaħ u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Akrami, Obaidullah** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Għall-ħabta ta' bejn sitta (15:00) u s-sebgħa (19:00 p.) nhar il-ħamsa u għoxrin ta' (25) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Papier* li jinsab fi Piazetta Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serq ta' *vapes* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Mattia Sacha Schembri** u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

Għall-ħabta ta' bejn sitta (17:00) u s-sebgħa (18:00) nhar is-sitta u għoxrin ta' (26) Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq ix-Xatt Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' *bluetooth airpods*, *iPhone cover* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Rupam Mustuddy** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan sar għad-detriment ta' **Rupam Mutsuddy** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra fejn l-ammont tal-ħsara ma jeċċedix il-ħmistax il-ewro (15 ewro);

Għal ħabta ta' bejn ssagħtejn (14:00) u t-tlieta (15:00) nhar l-ewwel (01) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Maypole* li jinsab Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

6. Ikkommetta serq ta' ħelu u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan sar għad-detriment ta' **Roderick Sammut** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan sar għad-detriment ta' **Roderick Sammut** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet;

F'xi ħinijiet matul il-ġurnet bejn l-erbgħa (4) u is-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa *Hermanos Restaurant* li jinsab Triq il-Wied Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

8. Ikkommetta serq ta' ilma u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi liema valur tal-ħaġa ma jeċċedix tlieta u għoxrin ewro u dan sar għad-detriment ta' **Hermanos Restaurant** u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli:

Għall-ħabta ta' bejn ssagħtejn (14:00) u t-tlieta (15:00) nhar l-ewwel (01) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa **Krypton Pharmacy** li jinsab Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

9. B'xi mod mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U aktar talli:-

Għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (21:00) u t-tlieta (22:00) nhar il-wieħed u tletin ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Portes de Bombs Floriana u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

10. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha u ċioe' **Kafil Uddin** liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa fejn dan ġie ċċertifikat minn Dr. Abigail Debrincat.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat wieġeb li mhux ħati meta tressaq b'arrest nhar is-27 ta' Awwissu 2024, iżda sussegwentement irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju relattivament bikri ta' dawn il-proċeduri, li għaldaqstant jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[37] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[38] [39], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

---

[37] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[38] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002
[39] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

3. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

4. L-imputazzjonijiet infushom, u ċioe' numru ta' inċidenti ta' serq, b'każ minnhom ikun ta' serq aggravat, kif ukoll ħsara volontarja, u anke offiża volontarja fuq il-persuna bi ġrieħi ta' natura ħafifa, kif ukoll li uħud mill-imputazzjonijiet iġorru magħhom l-aggravju tar-reat kontinwat *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-portata tal-istess imputazzjonijiet;

5. Li l-imputat għadu minorenni, u li għaldaqstant, minħabba l-eta' tiegħu, jikkwalifika għal tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Dak li jingħad fl-aġġornamenti tal-*Probation Officer* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat matul l-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, li fihom toħroġ problema da parti tal-imputat bl-awtorita';

7. Dak li jingħad fil-*Pre-Sentencing Report* imħejji mill-*Probation Officer* Maria Mifsud u l-fatturi identifikati minnha, u ċioe' s-segwenti:

    a. Li l-imputat wera rimors għall-aġir tiegħu peress li kien naqas milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Ħelsien mill-Arrest, li bħala kundizzjonijiet skontu ma jippermettulux li joħroġ u jagħmel dak li jixtieq, u jwaħħal f'dak li għamel minħabba l-kumpanija ħażina li kien qed iżomm, tant li jsostni li dawn ir-reati m'għamilhomx waħdu iżda flimkien ma' tfal oħra;

    b. Il-verżjonijiet u attitudni tal-vittmi tar-reati odjerni, li b'kollox jammontaw għal tmienja, li lkoll isemmu li kienu grupp ta' żgħażagħ li "***ħolqu biża', frustrazzjoni, dwejjaq kif ukoll rabja***"[40], u r-reazzjoni tagħhom għall-istess, li fil-maġġoranza tagħhom talbu l-kumpens għad-danni sofferti, u filwaqt li uħud jagħfsu fuq ir-rijabilitazzjoni u li ma javviċinawhomx iżjed, oħrajn talbu piena karċerarja;

[40] Ara a fol 83A tal-proċess

c. Li minkejja l-Fedina Penali netta tiegħu, l-imputat hemm bżonn jagħraf ir-responsabbilta' tiegħu ta' minorenni ta' erbatax (14)-il sena;

d. It-trobbija tal-imputat, li l-*Probation Officer* issemmi li ma kienitx waħda feliċi, bi vjolenza u problemi ta' droga fil-familja, tant li ta' għaxar (10) snin ittieħed f'*Home*, u qiegħed taħt Ordni ta' Ħarsien;

e. Li kwantu għall-vizzji, l-imputat ilu jikkonsma l-kannabis mill-eta' ta' tnax (12)-il sena għax għoġbitu, u għadu tal-istess opinjoni sal-lum, pero' jsostni li ma jieħux drogi oħrajn. Kwantu għat-trattament dwar l-istess vizzji, il-*Probation Officer* issemmi li ma kienx hemm kuntatt mal-Aġenzija Sedqa jew id-*Detox*, pero' kien rikoverat ħames (5) darbiet ġewwa l-Isptar Monte Karmeli taħt il-kura tal-Psikjatra Dr. Nigel Camilleri;

f. Li kwantu għat-trattament, sar kuntatt ma' Tal-Ibwar, li minnu rriżulta li kien sar kuntatt magħhom fil-31 ta' Mejju 2024, iżda kuntatt ulterjuri ma kienx sar;

g. Li min-naħa tal-Kap tar-Residenza u s-*Social Worker* li jaħdmu mal-imputat fir-residenza li jgħix fiha, jgħidu lill-*Probation Officer* li għandu attitudni tajba, jieħu l-mediċina u jżomm mal-kundizzjonijiet tal-istess residenza. Pero' jsemmu mal-*Probation Officer* li kien qiegħed jirrifjuta li jmur l-iskola (li kienet indirizzata permezz ta' nota tal-*Head of Home* Natasha Farrugia datata l-20 ta' Frar 2025[41] u kien qiegħed jerġa' jibda jattendi l-iskola), falla xi appuntamenti mat-terapista, falla l-aħħar appuntament li kellu mal-psikjatra, u kien għadu qed jikkonsma l-kannabis;

h. Li *ai fini* t'attendenza għal appuntamenti mal-*Probation Officer*, tgħid li dejjem attenda għalihom u dejjem ipprovda kampjuni meta kien mitlub, iżda żżid li l-imputat għandu bżonn jieħu r-rijabilitazzjoni tiegħu aktar bis-serjeta';

[41] Ara a fol 110 *et seq* tal-proċess

i. A rigward Pjan ta' Kura, l-*Probation Officer* tirrikmanda l-imputat iżomm mal-appuntamenti mogħtija lilu mill-professjonisti li qed jaħdmu miegħu, li jekk ikun il-każ, ikun referut Tal-Ibwar, u jmur l-iskola;

j. A rigward il-piena li għandha tkun erogata, r-rakkomandazzjoni għal Ordni ta' *Probation* b'waħda mill-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni tkun li jsegwi mat-trattament psikoloġiku u/jew psikjatriku u/jew tad-droga skont il-bżonn;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha, jirriżulta illi minkejja li l-imputat ikkopera mal-*Probation Officer* f'dak li jirrigwarda l-appuntamenti ffissati minnha fil-perkors ta' dawn il-proċeduri u fit-tħejjija ta' dan il-*Pre-Sentencing Report*, jidher illi l-andament tiegħu xorta baqa' wieħed negattiv, u li għalhekk jidher biċ-ċar il-bżonn li l-imputat jieħu r-rijabilitazzjoni tiegħu aktar bis-serjeta'. Dan jingħad speċjalment tenut kont il-fatt li filwaqt li hu minorenni u għalhekk jikkwalifika għal nuqqas ta' piena, hemm bżonn li l-imputat jieħu t-trattament tiegħu hekk kif provdut mill-professjonisti li qed jaħdmu miegħu sabiex jiddistakka ruħu mill-ħajja kriminoġenika u l-kumpanija ħażina li skontu ġibditu lejn din il-ħajja, u dan jingħad anke fl-isfond tat-trobbija mhux feliċi li kellu. Għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tqis li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja m'hijiex waħda idoneja, u filwaqt ukoll li qiegħda tagħmel tagħha r-rakkomandazzjonijiet tal-*Probation Officer* sabiex l-imputat jitqiegħed taħt Ordni tal-*Probation* bil-kundizzjonijiet imsemmija minnha, tenfasizza l-bżonn li l-imputat jieħu din l-opportunita' li qed tingħatalu *stante* li huwa minorenni sabiex verament jirrijabilita ruħu, u b'hekk kwalunkwe problema li jista' jkollu tkun indirizzata b'mod olistiku. Għal dan il-għan, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li bħala parti mill-Ordni tal-*Probation*, għandha tkun imposta fuq l-imputat il-kundizzjoni sabiex jattendi l-iskola, u dan biex ikompli bl-iżvilupp tiegħu flimkien ma' dan it-trattament;

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 261(1)(ċ), l-Artikolu 267, l-Artikolu 279(a), l-Artikolu 284, l-Artikolu 285, l-Artikolu 325(1)(d) u l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **<u>issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu,</u>** pero' *stante* li l-Qorti hija tal-

fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati **OMISSIS** taħt **Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi l-ħati **OMISSIS** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, barra mill-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet bl-imsemmija Ordni ta' *Probation*, qiegħda tobbliga lill-ħati **OMISSIS** sabiex jattendi l-iskola flimkien mat-trattament li ser ikun qed jirċievi bħala parti minn din l-Ordni, u dan bl-iskop aħħari li l-iżvilupp tiegħu ikun wieħed olistiku;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lil **OMISSIS** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **OMISSIS**;

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li ma kienu nominati ebda esperti fil-

kors ta' dawn il-proċeduri, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 15A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal skopijiet ta' restituzzjoni lill-partijiet leżi, qiegħda b'żieda mal-piena erogata, tapplika biss il-provvedimenti tal-Artikolu 15A(1) tal-istess Kapitolu *stante* li l-Artikolu 28H m'huwiex applikabbli peress li jirrelata ma' piena ta' sentenza sospiża, **u tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati, OMISSIS iħallas l-ammont kumplessiv ta' mitejn Ewro (€200) *entro* t-terminu massimu ta' sitt (6) xhur**, rappreżentanti l-valur tal-oġġetti misruqa għad-dannu ta' **Akrami Obaidullah għan-nom ta' *Scentoniq*** hekk kif imniżżla fl-ittra annessa mal-*Pre-Sentencing Report* a fol 89 tal-proċess, liema ammont qatt ma kien ikkontestat u li din il-Qorti tqis li għandha prova konkreta dwarhom. B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A(2), *stante* li l-imputat għandu biss erbatax (14) -il sena, l-ammont imsemmi jkun jista' jitħallas permezz ta' pagamenti mensili b'dan pero' li t-terminu impost u ċioe' dak ta' massimu ta' sitt (6) xhur għandu jibqa' rispettat.

Dwar l-ammonti l-oħra dovuti mill-ħati, senjatament il-ħsara volontarja għad-dannu ta' **Rupam Mustuddy**, il-ħsara volontarja għad-dannu ta' **Roderick Sammut għan-nom ta' *Maypole***, kif ukoll is-serq sempliċi għad-dannu ta' **Mattia Sacha Schembri (Papier)**, is-serq sempliċi għad-dannu ta' **Rupam Mustuddy**, is-serq sempliċi għad-dannu ta' **Roderick Sammut għan-nom ta' *Maypole,*** is-serq sempliċi għad-dannu ta' ***Hermanos Restaurant***, u s-serq aggravat għad-dannu ta' **Felix Schembri għan-nom ta' *Felix for Phones***, *stante* li mill-atti ma tirriżultax prova oġġettiva tal-ammont dovut, din il-Qorti tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' din it-talba f'dan ir-rigward minkejja l-ammissjoni tiegħu;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **OMISSIS** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tad-droga, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku u/jew psikjatriku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **OMISSIS** bi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **OMISSIS** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**